

**Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Sħubija Mġedda mal-Pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku”**

[JOIN(2016) 52 final]

(2018/C 129/13)

Relatur: **Brenda KING**

Konsultazzjoni	Kummissjoni Ewropea, 27.1.2017
Bażi legali	Artikolu 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni responsabbli	Relazzjonijiet Esterni (REX)
Adottata fis-sezzjoni	7.11.2017
Adottata fil-plenarja	7.12.2017
Sessjoni plenarja Nru	530
Riżultat tal-votazzjoni (favur/kontra/astensjonijiet)	165/1/2

**1. Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou (CPA) bejn l-Unjoni Ewropea (UE) u l-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) se jiskadi fl-2020. Is-CPA kien il-bażi ta' kooperazzjoni u djalogu rigward il-politika, l-ekonomija, il-kummerċ u l-ghajnuma għall-iżvilupp.

1.2. L-UE u l-AKP nedew diskussjonijiet, b'mod separat, biex jidentifikaw il-qafas possibbli u l-bażi ta' relazzjonijiet futuri. Il-prijoritajiet li x'aktarx jiġu inklużi huma t-tnaqqis tal-faqar, ir-relazzjonijiet kummerċjali, il-ġestjoni ta' flussi migratorji u l-ġlieda kontra t-tisħin globali. Id-diskussjonijiet bejn l-UE u l-Istati AKP se jiġu mmedija formalment mhux aktar tard minn qabel Awwissu 2018.

1.3. Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u l-Kummissjoni Ewropea nedew proċess ta' konsultazzjoni pubblika, fl-2015, biex iħejju l-qafas ta' wara Cotonou u ppublikaw komunikazzjoni konġunta f'Novembru 2016, li tappoġġja ftehim komprensiv li jiddefinixxi valuri u interessi komuni, bi tliet sħubijiet distinti ma' kull wieħed mit-tliet reġjuni.

1.4. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE/Kumitat) jilqa' b'sodisfazzjon il-Komunikazzjoni Konġunta kif ukoll l-opzjoni preferuta tal-Kummissjoni ta' ftehim komprensiv bi prijoritajiet reġjonali speċifiċi li jenħtieġ li jkunu legalment vinkolanti. Il-KESE jemmen li jenħtieġ ftehim ġdid u aġġornat li jqis ir-realtajiet ġodda bħat-tħassib tal-opinjoni pubblika Ewropea rigward ir-riskju akbar ta' attakki terroristiċi, il-perċezzjoni ta' flussi migratorji mhux ikkontrollati, ir-riskju ta' refuġjati minħabba l-klima minħabba fiż-żieda drammatika tal-popolazzjoni Afrikana, l-influwenza dejjem tiżdied ta' setgħat reġjonali oħra, u l-azzjonijiet mhux prevedibbli tal-President attwali tal-Istati Uniti.

1.5. Il-KESE jitlob ukoll li s-soċjetà ċivili tkun integrata aħjar fil-qafas li jmiss u li tkun ipprovduta bi rwol aktar b'saħħtu li jmur lil hinn mill-konsultazzjoni. Huwa importanti li jiġi żgurat il-prinċipju ta' Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp (PCD).

1.6. Il-KESE jilqa' l-pjan li jibni fuq l-Aġenda tal-2030 tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Iżvilupp Sostenibbli (SDGs), bl-inklużjoni ta' karatteristiċi speċifiċi tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp. Dan jikkomplementa l-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp il-ġdid, li għandu l-qerda tal-faqar bħala l-objettiv ewlieni tiegħu filwaqt li jintegra wkoll id-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali tal-iżvilupp sostenibbli. Madankollu, il-Kumitat huwa ddiżappuntat li l-Aġenda 2030 mhijiex fil-qalba tal-Ftehim futur li jsaħħaħ prinċipji ewlenin bħall-universalità, il-governanza, u l-interkonnessjonijiet u l-indiviżibbiltà tal-SDGs.

1.7. Il-KESE jemmen li kwalunkwe Sħubija futura jenħtieġ li tkun ibbażata fuq djalogu politiku, aktar milli fuq relazzjoni bejn donatur u riċevitur. Il-Kumitat jinnota li l-Komunikazzjoni hija allinjata b'mod ġust mal-Istrategġija Globali tal-UE, madankollu jirrakkomanda li kwalunkwe kooperazzjoni futura bejn l-AKP u l-UE jenħtieġ li tkun allinjata wkoll ma' kwalunkwe strategġija u objettiv tal-imsieħba tal-AKP.

1.8. Il-KESE jirrakkomanda wkoll li tissaħħaħ id-dimensjoni politika u jenħtieġ li jkun hemm mekkaniżmu ta' monitoraġġ b'saħħtu, li jinkludi s-soċjetà ċivili. L-acquis tal-UE għas-soċjetà ċivili, inkluż is-settur privat, l-involviment (organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili) fl-istadji kollha tas-sħubija futura jenħtieġ li jinżamm u jiġi msaħħaħ billi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jiġu inklużi f'qafas istituzzjonalizzati fi ħdan id-djalogu politiku.

1.9. Stħarriġ tal-KESE fost l-atturi ekonomiċi u soċjali fil-pajjiżi AKP żvela li 82 % appoġġjaw il-parteċipazzjoni ta' atturi mhux statali fl-aqgħat parlamentari, u 78 % appoġġjaw il-parteċipazzjoni fl-aqgħat intergovernattivi, fejn jenħtieġ li, barra minn hekk, ikunu jistgħu jippreżentaw rapporti u jagħmlu rakkomandazzjonijiet.

1.10. Il-KESE jinsab diżappuntat li l-Komunikazzjoni Konġunta ma tirriflettix l-importanza tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili kemm fil-livell komprensiv kif ukoll fit-tliet reġjuni. Il-Kumitat jirrakkomanda li s-Sħubija futura jenħtieġ li tinkludi mekkaniżmu formali biex l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jiġu inklużi fit-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u r-reviżjoni kif ukoll matul l-istadju ta' negozjar li jmiss. Il-KESE jista' jaqdi rwol ċentrali f'dan il-proċess.

1.11. Il-KESE jinnota l-assenza ta' kwalunkwe riferiment għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) u jassumi li dan se jinbidel wara l-eżitu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) u d-deċiżjoni dwar il-baġitizzazzjoni tal-FEŻ. Il-KESE jfakkar ir-rakkomandazzjoni minn REX 455, li ddikjarat li kull forma ta' appoġġ għall-iżvilupp li l-UE tagħti lil pajjiżi terzi jenħtieġ li jaqa' taħt l-istess qafas legali u jenħtieġ li jkun soġġett għall-istess skrutinju demokratiku mill-Parlament Ewropew, filwaqt li jinżammu l-istess aspetti pożittivi tal-FEŻ. Il-KESE jemmen ukoll li l-Fond għall-Paċi fl-Afrika u l-proġetti l-ġodda relatati mal-migrazzjoni jenħtieġ li jkunu ffinanzjati barra mill-FEŻ.

1.12. Il-Kumitat jilqa' b'sodisfazzjon il-fokus fuq l-iżvilupp tal-bniedem bħala prijorità speċifika tas-Sħubija futura u jemmen li jenħtieġ li jkun prijorità għal kull wieħed mit-tliet reġjuni u jkun konness mal-SDGs.

1.13. Il-KESE jilqa' d-dikjarazzjoni tal-Komunikazzjoni li jiġu mħarsa, promossi u mwettqa l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti ta' setgħa lin-nisa u l-bniet kif ukoll ir-rikonoxximent tagħha tal-kontribuzzjoni ewlenija li n-nisa u l-bniet jagħmlu lejn il-paċi u l-bini tal-istat, it-tkabbir ekonomiku, l-iżvilupp teknoloġiku, it-tnaqqis tal-faqar, is-saħħa u l-benessri, il-kultura u l-iżvilupp tal-bniedem. Madankollu, il-KESE jinsab diżappuntat li l-Komunikazzjoni tonqos milli tiddekrivi kif dan se jiġi faċilitat.

1.14. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-kummerċ u l-ftehimiet ta' sħubija ekonomika (FSE) ikunu integrati għalkollox fis-sħubija l-għda. Il-KESE jemmen li l-ftehimiet kummerċjali, inklużi l-FSE, jenħtieġ li jużaw l-Aġenda tal-2030 tan-Nazzjonijiet Uniti u l-ftehim ta' Pariġi (dwar il-Klima) bħala l-qafas tagħhom.

1.15. Il-KESE jirrakkomanda li n-negozjati tal-FSE bejn il-pajjiżi AKP u l-UE jenħtieġ li jseħħu b'mod trasparenti u jinvolvu s-soċjetà ċivili. Il-FSE jenħtieġ li jinkludu kapitolu ta' żvilupp sostenibbli eżegwibbli bis-soċjetà ċivili involuta b'mod attiv fl-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u r-reviżjoni.

1.16. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-klima hija waħda mill-prijoritajiet ewlenin iżda jinsab imħasseb li l-prijoritajiet tal-klima u l-ambjent ivarjaw fit-tliet reġjuni. Jinsab imħasseb ukoll dwar il-fatt li l-fokus huwa fuq l-azzjonijiet meħtieġa mill-pajjiżi AKP mingħajr ebda referenza għar-responsabbiltà tal-UE fir-rigward tal-impronta jew l-impatt tagħha fuq ir-riżorsi naturali u l-ekosistemi f'dawn il-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp.

## 2. Sfond

2.1. L-Unjoni Ewropea (UE) u d-79 pajjiż tal-Afrika, l-Karibew u l-Paċifiku (AKP) għandhom ftehim ta' kooperazzjoni internazzjonali komprensiv u legalment vinkolanti li għaqqad aktar minn nofs l-istati nazzjon tad-dinja. L-hekk imsejjaħ Ftehim ta' Sħubija ta' Cotonou (CPA jew Cotonou) kien iffirmat f'Benin fl-2000 u għandu l-għan li jsaħħaħ il-kooperazzjoni li ilha għaddeja fil-politika, il-kummerċ u l-iżvilupp bejn l-UE u l-pajjiżi AKP. Dan il-ftehim wassal għall-ħolqien ta' firxa ta' istituzzjonijiet li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni bejn l-AKP u l-UE fost il-gvernijiet, l-uffiċjali pubbliċi, il-membri tal-Parlament, l-awtoritajiet lokali u s-soċjetà ċivili, inkluż is-settur privat. Jibni fuq ir-relazzjoni storika bejn l-UE u dawk li kienu kolonji ta' xi pajjiżi tagħha, li evolwew permezz ta' suċċessjoni ta' ftehimiet: mill-ftehimiet ta' assoċjazzjoni bħall-Konvenzjonijiet ta'

Yaoundé I u II bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u l-eks kolonji Franċiżi fl-Afrika (1963-1975), għall-Konvenzjonijiet ta' Lomé suċċessivi tal-AKP-UE (1975–2000), u l-aħħar Ftehim ta' Sħubija ffirmat f'Cotonou (2000).

2.2. Il-Konvenzjonijiet ta' Lomé taw lill-pajjiżi AKP status legali, li ppermetta li jkunu jistgħu jgħolqu mudell ta' żvilupp u jitolbu aċċess privileġġat għas-Suq Komuni. Dan il-qafas ta' aktar importanza lill-pajjiżi tal-Karibew u tal-Paċifiku, li f'it kien hemm lok li jibbenefikar dan it-tip ta' mudell ta' żvilupp fil-ftehimiet bilaterali. Għalkemm il-faqar naqas, is-sehem tal-pajjiżi AKP fis-suq intern naqas minn 6,7 % fl-1976 għal 3 % fl-1998.

2.3. Il-Ftehim ta' Cotonou kellu l-għan li jsaħħaħ is-sħubija u jikkonsisti fi tliet pilastri – politiku, kummerċjali u tal-iżvilupp sostenibbli. L-objettiv inizjali ta' dan il-ftehim kumplessiv kien li jgħin fl-iżvilupp fil-pajjiżi AKP filwaqt li tiġi inkoraġġita d-diversifikazzjoni tal-ekonomija tagħhom billi jinholq l-ambjent għall-intraprenditorija u l-investment.

### 3. Kummenti ġenerali

3.1. Is-CPA mistenni jiskadi fl-2020 u dan wassal biex il-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jipubblikaw Dokument ta' Komunikazzjoni Konġunta, datat it-22 ta' Novembru 2016. Din il-komunikazzjoni ressqet tliet opzjonijiet abbażi tar-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika mnedija fis-6 ta' Ottubru 2015. L-opzjoni ssuġġeriet it-tiġdid tas-CPA mal-pajjiżi AKP. Il-vantaġġ ta' dan ikun li jinżamm il-format AKP; madankollu, ma jkunx wassal għal ftehim li jkun aċċetta l-prijoritajiet speċifiċi identifikati mill-partijiet involuti. Barra minn hekk, ma jkunx qies it-tibdil sinifikanti mill-2000 bħat-tkabbir tal-UE, il-prijoritajiet diverġenti fil-pajjiżi AKP u l-importanza dejjem tiżdied ta' organizzazzjonijiet reġjonali bħall-Unjoni Afrikana.

3.2. It-tieni opzjoni kkonsistiet minn reġjonalizzazzjoni totali ta' relazzjonijiet bejn l-UE u l-pajjiżi AKP. Dan l-approċċ, għalkemm jirrifletti l-varjazzjonijiet bejn it-tliet reġjuni, ikun injora r-rieda ddikjarata tal-pajjiżi AKP li jibqgħu magħquda, kif ukoll ix-xewqa reċiproka li jużaw il-format UE-AKP biex jinfluwenzaw lill-istituzzjonijiet internazzjonali.

3.3. L-opzjoni preferuta hija t-tielet waħda, li tidher li sabet kunsens min-naħat kollha. Ir-reviżjoni hawnhekk timplika l-konklużjoni ta' "ftehim qafas komuni bi tliet pilastri reġjonali": "it-tielet opzjoni hija ftehim mal-pajjiżi msieħba, li jinkludi tliet sħubijiet reġjonali distinti mal-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku, bil-possibbiltà ta' involviment mill-qrib ma' pajjiżi oħra bħala parti minn qafas komuni. Dan il-qafas jiddefinixxi valuri komuni, prinċipji, dettalji u interessi essenzjali, u dan jimplika kooperazzjoni bejn daww involuti, permezz tal-'acquis' stabbilit għal żmien twil tal-AKP. Jipprevedi wkoll mekkaniżmi ta' kooperazzjoni speċifiċi fix-xena dinjija. It-tliet imsieħba reġjonali jużaw u jintegraw daww li diġà jeżistu (pereżempju l-istrateġija komuni UE-AKP) u jstabbillixxu prijoritajiet u azzjonijiet iffukati fuq dettalji speċifiċi fil-programm tas-sħubija f'kull wieħed mit-tliet reġjuni." Dan l-arranġament istituzzjonali propost mill-Kummissjoni jikkonsisti minn tliet sħubijiet reġjonali separati mal-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku, skont arranġament komprensiv, iżomm l-acquis u l-vantaġġi tal-format UE-AKP filwaqt li jippermetti inizjattivi tal-iżvilupp differenzjati skont ir-reġjun. Barra minn hekk, skont din l-opzjoni preferuta hemm il-possibbiltà li jiġi permess l-involviment ta' pajjiżi oħra barra mill-AKP, bħall-pajjiżi l-anqas żviluppanti l-oħra (LDCs), jew daww fl-Afrika ta' Fuq, fil-futur.

3.4. Il-KESE jilqa' b'sodifazzjoni l-għan tal-Kummissjoni Ewropea li tagħmel is-sħubija legalment vinkolanti filwaqt li tibqa' flessibbli u reattiva sabiex tkun tista' tiġi adattata għal ambjent li qed jinbidel b'mod rapidu. Il-KESE jirrakkomanda li "legalment vinkolanti" ikun jista' jiġi definit b'mod ċar fil-Ftehim ta' wara Cotonou u li jenħtieġ li jinkludi proċeduri ta' konsultazzjoni u ta' sanzjonijiet, fil-każ ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem, prinċipji demokratiċi u, b'mod partikolari, l-istat tad-dritt. Il-KESE jinnota li l-pajjiżi AKP jappoġġjaw in-natura vinkolanti tal-ftehim futur <sup>(1)</sup> u jemmnen li dan jigarantixxi l-prevedibbiltà, it-trasparenza u r-responsabbiltà reċiproka.

3.5. Oqfsa internazzjonali adottati riċentement – l-Aġenda tal-2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima, l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa, il-qafas Sendai u l-Aġenda Urbana tan-NU – jipprovdu opportunità

<sup>(1)</sup> "Sipopo Declaration: the future of the ACP group in a changing world (Dikjarazzjoni ta' Sipopo: il-futur tal-grupp AKP f'dinja li qed tinbidel)". Is-7 Summit tal-kapijiet tal-Istat u l-gvern: sfidi u opportunitajiet, 13-14 ta' Diċembru 2012.

biex dawn jiġu inklużi fi ftehim ġdid, filwaqt li jpoġġu l-imsieħba fil-ftehim fit-triq għal sostenibbiltà għall-benefiċċju tal-poplu, il-prospertà u l-pjaneta. Is-sħubija futura jenħtieġ li tkun ibbażata fuq dawn l-oqfsa u l-impenji internazzjonali, filwaqt li timplimentahom b'mod integrat, inklużiv u sostenibbli.

3.6. Il-ftehim futur jenħtieġ li jipprijoritizza l-iżvilupp tal-bniedem, filwaqt li jinnota l-impatti doppji tat-tkabbir demografiku esponenzjali u l-irregolaritajiet fil-klima li l-pajjiżi AKP jiffaċċjaw. Dan jippreżenta sfidi għan-nutrizzjoni u s-sigurtà alimentari, il-ħarsien tal-ambjent u l-kisba tal-prospertà għal kulħadd.

3.7. Il-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp (PCD) jenħtieġ li tkun element ewlieni tas-Sħubija futura, filwaqt li tiżgura li l-politiki interni u esterni kollha tal-UE jsaħħu l-iżvilupp sostenibbli fl-UE u globalment.

#### 4. Kummenti speċifiċi

##### 4.1. L-involvement tas-soċjetà ċivili fis-Sħubija AKP-UE tal-futur

4.1.1. Il-KESE jilqa' l-fatt li l-Artikolu 6 tas-CPA jappoġġja l-involvement tal-atturi mhux statali (NSAs) billi jirrikonoxxi li huma parteċipanti essenzjali fis-sħubija. Madankollu, huwa diżappuntat li l-kooperazzjoni baqgħet daqstant orjentata lejn il-gvern, minkejja li jirrikonoxxi li d-djalogu politiku huwa importanti għat-trawwim tal-parteeċipazzjoni tas-soċjetà ċivili fil-proċess tal-iżvilupp. Jeżistu xi eċċezzjonijiet, l-Assemblea Parlamentari Konġunta AKP-UE u l-Assemblea Parlamentari Cariforum-UE, il-Kumitat Konsultattiv Cariforum-UE u l-Kumitat tal-Kummerċ u l-Iżvilupp Cariforum-UE. Madankollu, dawn jistgħu jkomplu jissaħħu minn issa 'l quddiem.

4.1.2. Il-KESE jtenni r-rwol kruċjali tal-partijiet ikkonċernati mhux governattivi fir-relazzjonijiet AKP-UE, matul il-proċess tal-iżvilupp sostenibbli u fil-monitoraġġ tal-FSE. L-Aġenda tal-2030 tan-Nazzjonijiet Uniti tirrikonoxxi r-rwol tas-soċjetà ċivili billi tiddikjara li "l-iskala u l-ambizzjoni tal-Aġenda l-ġdida jirrikjedu Sħubija Globali li terġa' tingħata l-ħajja biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tagħha... Din se tiffaċilita involvement globali intensiv fl-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-Għanijiet u l-miri kollha, filwaqt li għib flimkien lill-gvernijiet, is-settur privat, is-soċjetà ċivili, is-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti u atturi oħra u timmobilizza r-riżorsi kollha disponibbli."

4.1.3. Il-KESE jinnota b'diżappunt li għadd ta' pajjiżi AKP, u riċentement tal-UE, qegħdin jintroduċu leġiżlazzjoni restrittiva sabiex inaqqsu l-ħidma tal-NSAs, li f'xi każijiet kellhom implikazzjonijiet dannużi għall-parteeċipazzjoni attiva tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. L-Indiċi ta' Sostenibbiltà tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tal-2016<sup>(2)</sup> jenfasizza li f'ħafna pajjiżi fl-Afrika sub-Saħarjana, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili – b'mod partikulari daww iffokati fuq il-promozzjoni u d-drittijiet tal-bniedem – qed jiffaċċjaw dejjem aktar restrizzjonijiet jew theddid ta' restrizzjonijiet fuq ix-xogħol tagħhom.

4.1.4. Il-KESE jirrakkomanda li l-qafas il-ġdid maqbul jenħtieġ li jsaħħaħ il-leġittimità b'mod partikolari, tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u b'mod ġenerali tal-NSAs, bħala partijiet ikkonċernati tant meħtieġa fil-proċessi ta' politika billi jinkludi l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, kemm mill-AKP kif ukoll mill-UE, fil-prinċipji legalment vinkolanti tal-ftehim. Dan jenħtieġ li jinkludi qafas strutturat bejn l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-istituzzjonijiet konġunti kollha tal-AKP-UE. Għalhekk jitlob impenji tekniċi u finanzjarji aktar qawwija li jinkoraġġixxu u jsaħħu l-parteeċipazzjoni attiva tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

##### 4.2. Il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli

4.2.1. Skont Lomé IV, pajjiżi AKP ibbenefikaw minn preferenzi mhux reċiproċi mogħtija unilateralment mill-UE, sabiex ikunu jistgħu jesportaw il-produzzjoni tagħhom lejn is-Suq Komuni, flimkien ma' sistema biex jiġu kkompensati għat-telf ta' dħul mill-esportazzjoni fil-każ ta' fluttwazzjoni fir-rati tal-kambju jew fir-riżorsi naturali. Ġie deċiż li din is-sistema kienet kontra l-prinċipju ta' "in-nazzjon l-aktar favoriti" tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, għalhekk biex il-ftehim il-ġdid ta' Cotonou jsir konformi mar-regoli tad-WTO, ġew imfassla l-Ftehimiet ta' Sħubija Ekonomika (FSE) biex jegħlbu dan bil-għan li l-pajjiżi AKP ikunu jistgħu jintegraw fl-ekonomija dinjija.

4.2.2. L-Ewropa għalhekk innegożjat FSE mas-sitt reġjuni li jinkorporaw id-79 pajjiżi AKP, bil-għan li jinħolqu sħubijiet konġunti f'termini ta' kummerċ u żvilupp, appoġġjati minn għajjuna għall-iżvilupp. Mill-2000 sal-2008 l-aċċess għas-suq

(<sup>2</sup>) <https://www.usaid.gov/africa-civil-society>.

Ewropew inkiseb permezz ta' preferenza nazzjonali mhux reċiproka, li inkludiet sistema ta' derogi mir-regoli tad-WTO. Mill-2008, ġew iffirmiti ftehimiet ta' kummerċ ħieles taħt l-FSE; madankollu, irriżulta li l-firem meħtieġa u l-implimentazzjoni sussegwenti huma sfida kontinwa. Għalkemm sal-lum ġew stabbiliti sitt FSE, il-proċess ta' ratifika ġie mfixkel għall-parti l-kbira tagħhom. Fl-2007, l-Ewropa ffirmat l-ewwel wieħed minn dawn il-ftehimiet ma' 15-il Stat tal-Karibew, u dan daħal fis-seħħ b'mod provviżorju f'Diċembru 2008. Fl-Afrika, ir-riżultat kien aktar imħallat. Fl-2014, 16-il Stat mill-Punent tal-Afrika, kif ukoll żewġ organizzazzjonijiet reġjonali, l-ECOWAS u d-WAEMU, u l-Komunità tal-Afrika tal-Lvant laħqu ftehim, iżda għadu qed jiġi ffirmat. Il-pajjiżi tal-Komunità tal-Iżvilupp tal-Afrika t'Isfel iffirmit l-FSE fl-2016. Fl-aħħar nett, l-FSE interim bejn l-Ewropa u l-Istati Paċifiċi ġie ffirmat mill-Papua New Guinea u mill-Fiji fl-2009, ladarba dawn iż-żewġ pajjiżi jirrappreżentaw il-parti l-kbira tal-kummerċ bejn l-Ewropa u l-Paċifiku.

4.2.3. Il-Ftehim ta' Cotonou għalhekk jinkludi dimensjoni sinifikanti f'termini ta' kummerċ. Fil-fatt, fl-2012, l-UE kienet it-tieni l-akbar sieħba kummerċjali tal-AKP wara l-Istati Uniti tal-Amerika. L-UE tinsab fl-ewwel post, qabel il-Venezwela, iċ-Ċina, il-Brażil, il-Kanada u l-Indja. Tirrappreżenta 12,1 % tal-kummerċ tal-pajjiżi AKP, li huwa anqas mill-Istati Uniti tal-Amerika (35,7 %) iżda aktar miċ-Ċina (6,9 %) <sup>(3)</sup>.

4.2.4. Skont iċ-Ċentru Internazzjonali għall-Kummerċ, bejn l-2003 u l-2012 is-sehem mis-suq tal-pajjiżi AKP fl-ekonomija dinjija żdied minn 1,4 % għal 1,7 % filwaqt li sehem mis-suq tal-UE-28 fis-suq AKP żdied minn 10,9 % għal 11,5 % fuq l-istess perjodu. Madankollu, mill-2010, il-pajjiżi AKP kienu affettwati mill-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika tal-2008 bit-tnaqqis fil-valur totali tal-kummerċ tal-merkanzija tagħhom. Fl-2015, l-esportazzjonijiet irrappreżentaw USD 320,7 biljun (meta mqabbla ma' USD 495,1 biljun fl-2011), u l-importazzjonijiet irrappreżentaw USD 439,6 biljun (meta mqabbla ma' USD 500,2 biljun fl-2014).

4.2.5. Il-KESE jirrakkomanda li r-reviżjoni tal-Ftehim ta' Cotonou jenħtieġ li jkollha l-għan li tirrikonċilja l-pajjiżi AKP bl-espansjoni tal-kummerċ, meta jitqies li 80 % tal-pajjiżi l-anqas żviluppatti għadhom jappartjenu għall-grupp AKP. Il-Kumitat jinnotta wkoll li l-agrikoltura tirrappreżenta 90 % tal-esportazzjonijiet tal-AKP, u timpjega l-maġġoranza tal-popolazzjoni impjegata. Bħala medja, 20 % tal-ġid nazzjonali jiġi minn dħul agrikolu b'varjazzjonijiet estremi bejn pajjiżi AKP. Pereżempju, nofs il-PDG taċ-Chad jiġi minn produzzjoni agrikola, meta mqabbel ma' 1 % bħala medja fil-Karibew <sup>(4)</sup>.

4.2.6. **L-integrazzjoni kummerċjali u reġjonali:** Il-FSE għandu l-għan li jrawwem l-integrazzjoni reġjonali u huwa bbażat fuq il-loġika li integrazzjoni reġjonali akbar issaħħaħ il-kapaċitajiet kummerċjali u mbagħad, tagħti spinta lit-tkabbir, l-impjiegi u l-iżvilupp ekonomiku. Biex ikun iffaċilitat il-kummerċ intra-AKP, l-investiment fl-infrastruttura – inkluża l-enerġija nadifa – huwa meħtieġ biex jgħin lill-AKP jimxi lejn il-produzzjoni u l-esportazzjoni ta' oġġetti intermedji u lesti, u b'hekk jimxi 'l fuq fil-katina ta' valur mondjali (GVC). Dan jirrikjedi wkoll industrija tat-tbajhir effiċjenti. Il-KESE għalhekk jirrakkomanda li t-tbajhir jenħtieġ li jkun inkluż fl-aġenda tal-kummerċ u l-politika tal-iżvilupp tal-UE.

4.2.7. **Il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli:** Is-Sħubija Futura jenħtieġ li tqiegħed il-kummerċ u l-FSE fil-qafas tal-Aġenda tal-2030 u l-Ftehim ta' Pariġi. Il-FSE jenħtieġ li jinkludi kapitulu dwar l-iżvilupp sostenibbli eżegwibbli b'qafas formali u strutturat għall-inklużjoni tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili. Negozjati AKP-UE futuri jenħtieġ li jseħħu b'mod trasparenti, filwaqt li jinvolvu lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fil-monitoraġġ tan-negozjati u l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-ftehim.

### 4.3. Kooperazzjoni għall-iżvilupp

4.3.1. L-għodod u l-metodi ta' kooperazzjoni huma maħsuba biex joperazzjonalizzaw il-prinċipji tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili billi jiffokaw fuq ir-riżultati, is-sħubija u s-sjieda. Għalhekk, il-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ) huma mfassla bħala responsabbiltà konġunta.

4.3.2. Il-FEŻ huwa ffinanzjat direttament permezz ta' kontribuzzjonijiet volontarji minn Stati Membri tal-UE barra mill-baġit tal-UE, iżda huwa nnegozjat b'mod parallel ma' strumenti finanzjarji esterni oħrajn tal-UE sabiex tiġi żgurata l-konsistenza. Huwa ġestit mill-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI). Il-BEI jimmaniġġja l-Faċilità ta' Investiment u jipprovdi self, garanziji u fondi kemm mill-FEŻ kif ukoll mir-riżorsi proprji tiegħu, għall-kumpaniji privati fil-pajjiżi AKP għal perjodu qasir u fit-tul għal proġetti fis-settur privat u pubbliku.

<sup>(3)</sup> <https://www.robert-schuman.eu/en/european-issues/0440-post-cotonou-the-modernisation-of-the-acp-partnership>

<sup>(4)</sup> Stqarrija għall-istampa mis-segretarjat tal-AKP: Il-politika l-ġdida tal-AKP tenfasizza t-trasformazzjoni tal-prodotti mis-settur agrikolu, 15 ta' Ġunju 2017.

4.3.3. **L-allokazzjonijiet totali tal-FEŻ żdiedu, iżda x'aktarx jonqsu wara l-Brexit**, filwaqt li huwa żamm il-karattru intergovernattiv u l-istruttura tal-governanza tiegħu, li ppermetteliu jsir l-akbar element fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp tal-UE minbarra l-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP). Abbażi tal-istorja u l-istatus legali uniċi tal-FEŻ, kif ukoll il-bażi intergovernattiva tiegħu, il-Parlament Ewropew (PE) ma għandu ebda poter ta' kodeċiżjoni fuqu. Il-Kumitat għall-Iżvilupp tal-PE jinvolti lill-nnifsu f'diskussjonijiet ta' politika ġenerali u huwa parti kkonċernata importanti tas-CPA. L-Assemblea Parlamentari Konġunta (JPA) għandha wkoll is-setgħa li twettaq skrutinju parlamentari fuq l-allokazzjonijiet tal-FEŻ tal-Programmi Indikattivi Nazzjonali (NIPs) u l-Programmi Indikattivi Reġjonali (RIPs).

4.3.4. **Il-FEŻ u l-baġitizzazzjoni**: Il-PE, permezz tal-proċedura ta' kwittanza speċjali, jagħti l-kwittanza lill-Kummissjoni Ewropea għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni tagħha tal-FEŻ. Il-baġitizzazzjoni – l-inklużjoni tal-FEŻ fil-baġit tal-UE – tibqa' sors ta' twegħir bejn il-PE u l-Kunsill, għalkemm il-Kummissjoni ssuġġeriet li l-FEŻ jiġi inkluż fil-baġit tal-UE f'diversi okkażjonijiet.

4.3.5. **Il-KESE jemmen li l-forom kollha ta' appoġġ li l-UE tagħti lil pajjiżi terzi jenħtieġ li jaqgħu taħt l-istess qafas legali u jkunu soġġett għall-istess kontrolli demokratiċi tal-PE**. Għalhekk, jitlob l-integrazzjoni tal-FEŻ fil-baġit tal-UE filwaqt li jinżammu l-aspetti pożittivi tal-FEŻ (eż. reċiproċità u responsabbiltà reċiproka). Dan se jwassal għal politika għall-iżvilupp tal-UE aktar koerenti.

Brussell, is-7 ta' Diċembru 2017.

*Il-President*  
*tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*  
Georges DASSIS

---